**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors numru : 70/18 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata CB fit-13 ta' Gunju 1998; Certifikat taz-zwieg anness Dok. A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Roland Wadge fit-28 ta' Awwissu 2014; (Kopja annessa Dok. B).

Illi l-partijiet ghandhom zewg it-tfal, tifla li twieldet fit-8 ta' Lulju 1999 bl-isem ta' LB u tifel li twieled fit-30 ta' Lulju 2006 bl-isem ta' T:

Illi l-esponenti huwa obbligat li jghaddi manteniment ghall-uliedu lill-intimata liema manteniment dejjem gie moghti skont id-disposizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni suriferit;

Illi ghalkemm mid-data tas-separazzjoni legali ghadhom ma ghaddewx erbgha snin, il-mizzewgin ghexu mhux flimkien ghal perjodu li jammonta aktar minn erba` snin matul il-hames snin minnufih precedenti u dan skont l-artikolu 66B(a) tal-Kodici Civili;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara mahlul iz-zwieg tieghu ma' C B u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Awwisu 2014, pero' il-

mizzewgin ghixu mhux flimkien ghall-perjodu li jammonta aktar minn erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.